MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2582/2002

**Elmo Insurance Agency Limited**

**vs**

**Mario Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sebghin lira Maltija (Lm770.00), bilanc ta' somma akbar dovuta lilha bhala premiums fuq poloz ta' sigurta` mahruga f'ismu u dana skond l-istatment anness mal-avviz u market Dok.A;**
**Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut kemm il-darba u sa anke baghtitlu ittra ufficjali fit-30 t'Awissu, 2001 (notifikata fil-5 ta' Settembru, 2001) fejn interpellatu biex ihallas s-somma li kellu jaghti bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-25 ta' Marzu,1998. Il-**

**konvenut accetta li kellu jhallas l-imsemmija somma u ghamel pagament fit-22 t'Ottubru, 2001, kif jidher mid-Dok.A izda sal-lum ma hallasx dak li fadallu jaghti;**
**Ghalhekk il-kumpanija attrici titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-imsemmija somma ta' seba' mija u sebghin lira Maltija (Lm770.00) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala premiums kif fuq inghad, u dana bl-ispejjez u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-5 ta' Marzu, 1998, data ta' l-ahhar invoice indikat fl-imsemmi Dok.A, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 ta' Novembru, 2002, fejn intqal illi kull ammont dovut lis-socjeta` attrici gie pacjut ma' somom ohra dovuti mill-istess socjeta` attrici lill-konvenut, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mula, Mario Spiteri u Lino Ferris. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta` attrici qed titlob l-ammont ta' seba' mija u sebghin lira Maltija (Lm770.00) ghall-premiums dovuta mill-konvenut fuq lukanda.**
**2. Il-konvenut fil-fatt fid-deposizzjoni tieghu ammetta li l-ammont fil-fatt huwa dovut. Pero` hu precedentement, qabel ma kien assikurat mas-socjeta` attrici, kien assikurat ma' kumpanija ohra.**
**3. Jirrizulta li l-konvenut ma kienx dispost li jhallas l-ammont kollu peress li kellu "claim" dwar danni fis-sistema tat-telefon, u din il-"claim" ma kienetx ghada giet rispolta. Ghalhekk huwa ippretenda li l-ewwel tigi risolta dik il-vertenza qabel ma jeffettwa il-pagament.**
**4. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien effettwa xi pagamenti, u l-ahhar pagamenti li saru kienu f'Settembru u Ottubru, 2001.**
**5. Pero` din il-kwistjoni li ghaliha ghamel referenza il-konvenut ma tirrigwardax il-premiums dovuti, tant li l-istess konvenut jammetti li dawn huma dovuti.**
**6. Kien ikun desiderabbli fic-cirkostanzi li s-socjeta` attrici taghmel sforz sabiex tasal ghall-ftehim**

**mal-konvenut, tenut kont li dana kien qed juri l-bona volonta` tieghu, u kien ukoll qed jeffettwa pagamenti. Definittivament l-ammont mitlub huwa dovut, pero` t-Tribunal ihoss li ghandu jimmitiga ghal dak li jirrigwarda imghax in kwantu dan ghandu jigi kalkolat mid-data meta sar l-ahhar pagament.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u sebghin lira Maltija (Lm770.00) bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Ottubru, 2001.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------